**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Stefano Zampa**

**Kawza: Distrett Valletta**

**Illum 25 ta' Mejju, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Stefano Zampa** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 326488 (M) billi huwa akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, nhar il-21 ta' April 2016 kif ukoll fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer:

Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmi Jeffrey Pullicino Orlando Smith u tapplika l-provedimenti tal-Artiklu 383 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna wkoll il-hati ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZA**

L-Artikolu li fuqhom inħarġet l-akkuża huwa s-segwenti:

**Artikolu 49 tal- Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta – l-Att biex jirregola komunikazzjonijiet elettronici li jipprovdi li:**

*Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –*

*(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*

*(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*

*(c) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro and u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jumli matulu jkompli r-reat.*

Illi l-akkuza migjuba kontra l-imputat taqa' taht dak dispost fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dina d-disposizzjoni tal-ligi dahlet fis-sehh in segwitu ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Etienne Calleja** fejn hemmhekk l-imputat f'dik il-kawza kien gie akkuzat a tenur tal-artikolu 48(1)(d) tal-istess Ligi. Il-Qorti ma taqbilx li l-ligi fl-artikolu 49(c) qed tikkontempla sitwazzjoni simili ghal dik ikkontemplata l-artikolu 48. Hawnhekk il-ligi qed tikkontempla sitwazzjoni differenti fejn persuna taghmel uzu mit-telefon mhux biss fis-sens illi l-uzu ikun wiehed mhux awtorizzat jew mhux teknikament korrett ecc, kif inkwadrat f'dik id-disposizzjoni tal-ligi, izda qed jikkontempla sitwazzjoni ohra fejn persuna issa qed tuza t-telefon taghha biex thedded, taghmel estorsjoni, timmalafama u tingurja persuna ohra u li taghmel kwalunkwe uzu iehor mhux xieraq.

Dina d-dicitura hija ben differenti minn dak ikkontemplat fl-artikolu 48 fejn il-kliem uzat huwa "uzu mhux b'mod kif imiss." Kien dana l-iskop tal-legislatur meta dahlet dina l-emenda fil-ligi permezz tal-Att XXX tal-2007.

Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat intenzjonalment uza l-facebook tieghu permezz ta' mezz ta' komunikazzjoni sabiex jaghmel uzu mhux xieraq bl-istess fis-sens illi ppubblika kliem ta' theddid u insulenta lill-parti leza.

Il-Qorti ikkunsidrat x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur u x'ried partikolaemtn ifisser bil-kliem 'uzu iehor mhux xieraq' fejn fis-seduta

tal-Parlament 'Laqgha nru. 117, ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2007' ntqal:

> "DR PETER GRECH: Bħalissa fil-liġi hemm l-istess pieni, l-istess kappa ħlief subparagrafi (a) (b) u (c). Bħalissa r-reat huwa li wieħed jagħmel improper use minn apparat ta' komunikazzjoni elettronika. **Dan dejjem ftiehem li l-improper use huwa dawn l-affarijiet li hawn fil-paragrafi (a), (b) u (c) jiġifieri li wieħed juża apparat biex jhedded lil ħaddieħor, biex jestorċi flus, iġiegħel lil ħaddieħor jagħmel xi ħaġa illegali jew biex jagħmel harrassing, biex idejjaq lil ħaddieħor.**
>
> [...]
>
> DR PETER GRECH: Issa li ġara huwa **nqalgħet diffikulta' fil-qorti dwar xi tfisser improper use.** Fil-fatt kien hemm sentenza li jekk telephone użajtu bħala telephone qatt ma nista' nkun għamilt improper use tat-telephone anke jekk użajtu biex indejjaq lil xi ħadd. Il-bżonn ta' din l-emenda nqala' minħabba dan, biex niċċaraw x'ifisser improper use. **Tħalliet il-klawsola ġenerali "or makes any other improper use thereof" imma ġie iżjed speċifikat x'ifisser l-improper use, x'għandu jiġi projbit, li tuża aparat elettronika għal dawn l-iskopijiet imsemmija.**" (enfasi tal-Qorti)

Min dan johrog illi l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-frazi "uzu iehor mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe uzu, jew kull haga taht il-kappa tax-xemx, maghdua kull offiza, insult jew kelma zejda, izda

ghandha tigi **interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratta theddid, estorsjoni u attivitajiet illeciti.**

Illi l-Ezekuttiv ghazel b'mod espress illi sa anke jelimina l-fastidju minn taht il-kappa ta' "uzu iehor mhux xieraq" tant li dan is-sub-paragrfu propost ma inghatax il-barka mill-Legislatur u gie eliminat: *"(c) pursues a course of conduct which amounts to harassment of another person or which he knows or ought to know amounts to harassment of another person;"*

Illi n-nota fil-margni tal-artikolu 49 tal-Kap 399 tkompli taghti sostenn ghall-intepretazzjoni moghtija mill-esponenti tal-intenzjoni tal-legislatur:

> 'Użu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika **biex isir theddid.**' (enfasi tal-Qorti).

Dwar l-akkuza ta' theddid permezz ta' uzu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika, fis-sentenza moghtija tat-12 ta' Gunju, 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-**Pulizija vs Joseph Gauci** il-Qorti trattat dwar l-elementi tar-reat ta' theddid u kkonkludiet propju illi:

> 'Biex ikun hemm theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, gesti jew b'mod iehor – **xi forma ta' hsara ingusta fil-futur** (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv.'[1] (enfasi tal-Qorti)

Il-Qorti bhala anologija[2] tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fejn gie deciz li:

---

[1] Qorti tal-Appell Kriminali, il-Pulizija vs Joseph Gauci, 12 ta' Gunju, 2003.
[2] F'dan il-kaz ma ntuzatx il-kelma pulcinell

> 'Il-kelma 'purċinell' hija ġenerika ħafna. **Il-Qrati tagħna aċċettaw espressjonijiet li potenzjalment jistgħu jkunu aktar offensivi minn hekk u sabu li dawn jingħadu fuq kulħadd bla distinzjoni u għalhekk mhux inġurjużi.** L-istess qed tikkonkludi din il-Qorti dwar din il-kelma 'purċinell' għaliex din il-klema tingħad għal kull ħaġa ta' xejn u mhux xi kelma li tattakka xi karateristika jew għemil speċjali li jintrabtu ma' persuna partikolari.'[3] (enfasi tal-Qorti).

Issa din il-Qorti tosserva illi dan il-kaz jitratta dwar theddid u insult li sehh permezz ta'l-informatika u cioe' tramite *facebook*.

L-imputat jaghti sfond li wassal ghal dan il-kaz, ammetta li kien hu li ppostjha l-kumment inkriminanti u talab skuza lill-parte leza li accetta.

Il-Qorti tiehu l-opportunita' biex tfakkar li l-mezzi ta' komunikazzjoni m'ghandhom jintuzaw biex persuni jinsulentaw lil xulxin imma ghandhom jintuzaw biex ikun hemm kuntatt bejn il-qraba u hbieb u mhux jintuzaw bhala kamp tal-battalja, tinholoq firda bla bzonn specjalment bhalissa fiz-zmien partikolari li qeghdin nghixu. Il-*facebook* ghandu jkun mezz fejn wiehed ma jiddejjaqx jesprimi l-opinjoni tieghu izda mhux bhala mezz biex bih tinkiser il-ligi.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant il-Qorti ghal dawn il-mottiv, wara li rat l-Artikoli indikati, issib lill-imputat hati tal-akkuzi izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet

[3] Appell Kriminali Numru. 89/2013, Il-Pulizija Kontra Omissis u Simona Vella, 24 ta' Marzu, 2014

hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 Kap 446, il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

*Inoltre*, b'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum fejn il-persuna protetti huma Dr. Jeffrey Pullicino Orlando Smith u Lara Boffa.

**Dr Joseph Mifsud**

**Magistrat**